Il-Ħanfus tal-Qrun Twil taċ-Ċitru jqatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu (li tvarja minn sena sa sentejn fl-Asja) bħala larva ġewwa z-zokk tas-siġra jew fl-għeruq. Għaldaqstant, ftit jew xejn ikun hemm ħjiel tal-preżenza tal-larva ġos-siġra.

L-iktar sintomi evidenti ta' dan l-insett huma toqob minn fejn joħorġu l-insetti adulti, li tipikament dawn it-toqob ikollhom dijametru ta' madwar 6 sa 11 –il millimetru, u normalment issibhom mal-bażi taz-zokk tas-siġra, jew saħansitra taħt il-livell tal-ħamrija.




Toqba fis-siġra minn fejn joħroġ l-insett adult
Sors: [tncweeds.ucdavis.edu/photosmore.html](tncweeds.ucdavis.edu/photosmore.html)

Sintomi inqas evidenti jinkludu ħsara fuq il-weraq ikkawżata mill-ħanfusa adulta meta tiekol; xquq fiz-zokk tas-siġra magħmula biex il-ħanfus adult ibid il-bajd fihom, u marki ta' likwidu jċarċar minn dawn ix-xquq; mini taħt il-qoxra taz-zokk. Ċana rqiqa madwar toqob fiz-zokk jew gozz ma' l-art taħt is-siġra jindika attivita' ta l-istadju avvanzat tal-*larvae*

L-insett adult issibu l-iktar fix-xhur sħan ta' Lulju u Awwissu, imma ġieli nstab barra minn dawn ix-xhur, minn Mejju sa Ottubru.



Ċana rqiqa tindika attivita' ta l-istadju avvanzat tal-*larvae* Sors: [www.unipd.it/esterni/wwwfitfo/anoplophora.htm](www.unipd.it/esterni/wwwfitfo/anoplophora.htm)

**Kontroll**

L-ispeci ta' ħanfus *Anoplophora* m'humiex biss diffiċli biex tinduna bil-preżenza tagħhom fis-siġra, imma huma diffiċli wkoll biex tikkontrollhom. Dan għaliex il-larvae u l-pupae jinsabu ġewwa z-zokk jew l-għeruq, huma protetti minn insettiċidi li jiġu mibxuxa fuq il-weraq tas-siġra, u minn ħafna predaturi li jieklu dan l-insett.

S'issa l-uniku mod effettiv biex tikkontrolla l-larvae u pupae ta' dan l-insett huwa billi tiżbor, taqta' u taħraq il-partijiet infettati fis-siġra. Insettiċidi jistgħu jikkontrollaw l-adulti imma mhux il-larvae jew il-pupae. Pero', jista' jiġri li l-ħanfusa adulta ttir minn fuq is-siġra qabel tkun kielet weraq trattat b'insettiċidi.

***Din l-informazzjoni hija korretta sa Mejju 2009***

**Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti**


Ċentru għall-Bijoteknoloġija tal-Pjanti
Triq Annibale Preca,

Tel: +356 2339 7100/223
Fax: +356 21414493
Freephone: 8007 2310
[www.planthealth.gov.mt](www.planthealth.gov.mt)
[www.mrra.gov.mt](www.mrra.gov.mt)


# DIPARTIMENT GĦAS-SAĦĦA TAL-PJANTI
MRRA

## Il-ĦANFUSA TAL-QRUN TWIL TAĊ-ĊITRU
## *(Citrus Longhorned Beetle)*



Sors: [www.defra.gov.uk/planth/ph.htm](www.defra.gov.uk/planth/ph.htm)


Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Fondi ta' l-Unjoni Ewropeja għall-Iżvilupp Rurali, l-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali

Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea

# IL-Ħanfusa tal-Qrun Twil taċ-Ċitru *(Citrus Longhorned Beetle)*

Il-Ħanfusa tal-Qrun Twil taċ-Ċitru, bl-Ingliz, *Citrus Longhorn Beetle* (*Anoplophora chinensis*) hija insett qerriedi ta' kwarantina li jagħmel ħsara fuq numru ta' speċi differenti ta' siġar u arbuxelli.

Ma hemm l-ebda rekord li din il-ħanfusa tinstab ġewwa pajjiżna. Id-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti qiegħed jagħmel ispezzjonijiet għal dan l-insett, biex jara li dan l-insett ma jiġix introdott ġewwa Malta, jew f'każ li jidħol b'mod aċċidentali, jittieħdu l-miżuri neċessarji minn kmieni għall-kontroll tal-firxa tiegħu.

B'mod naturali, din il-ħanfusa tgħix f'postijiet li jinkludu ċ-Ċina, l-Ġappun, u postijiet oħra fix-Xlokk ta' l-Asja. Il-Ħanfus tal-Qrun Twil taċ-Ċitru qiegħed jinfirex f'diversi pajjiżi fuq siġar ornamentali mpurtati mill-Asja.

Dan l-insett huwa ta' theddida għal diversi foresti u għall-produzzjoni taċ-ċitru fil-Mediterran. Ta' min jgħid li ġewwa l-Lombardia, fl-Italja, kien hemm firxa ta' din il-ħanfusa, u mijiet ta' siġar maturi kellhom jinqerdu bħala miżura għall-qerda ta' dan l-insett.

## Fuq xiex jgħix dan l-insett?

Il-Ħanfus tal-Qrun Twil taċ-Ċitru jagħmel ħsara fuq siġar taċ- Ċitru u tat-Tuffieħ, imma jista' jgħix fuq firxa iktar wiesgħa ta' siġar li jinkludu l-Fagu (*Beech*), l-Għanzalor (*Hawthorn*), il-Ġellewż (*Hazel*), il-Qastan (*Horse chestnut*), l-Aċeru (*Maple*), il-Luq (*Poplar*), il-Ballut (*Oak*), s-Safsafa (*Willow*) u t-Tut (*Mulberry*) fost oħrajn.

## X'għamla għandha din il-Ħanfusa, u x'inhuma s-sintomi?

Il-Ħanfusa tal-Qrun Twil taċ-Ċitru hija insett pjuttost kbir fid-daqs, minn 21 sa 37 millimetru twil. Huwa ta' lewn iswed b'marki bojod li huma varjati. L-antenni huma itwal minn ġisimhom, madwar 1.2 sa 2 drabi t-tul ta' ġisimhom, u huma suwed bi strixxi bojod jew blu ċar.



Il-Ħanfusa tal-Qrun Twil taċ-Ċitru Adulta
Sors: www.defra.gov.uk/planth/ph.htm

Bħal ħafna ħanfus ieħor, l-istadju larvali ta' din il-Ħanfusa huwa l-iktar stadju li jagħmel ħsara. Dan għaliex il-*larvae* jieklu minn ġewwa l-parti ta' taħt taz-zokk fejn is-siġra ttella' s-sustanzi u l-ilma, u jattakkaw ukoll l-għeruq.

Il-mini li jiffurmaw dawn il-*larvae* fuq ġewwa taz-zokk, iħallu lis-siġar iktar suxxettibli għall-mard u jkunu jifilħu inqas għas-saħħa tar-riħ. Il-Ħanfusa adulta tagħmel ħsara iktar limitata billi tiekol mill-weraq tas-siġra u mill-qoxra taz-zokk tas-siġra.



L-istadju larvali tal-ħanfusa tal-Qrun Twil taċ-Ċitru
Sors: www.defra.gov.uk/planth/ph.htm




Ħanfusa adulta tiekol mill- weraq tas-siġra
Sors: www.europe-aliens.org/photoGallery.html